MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PETER BORG COSTANZI

Seduta ta' l-10 ta' Novembru, 2005

Talba Numru. 1008/2005

**Adrian Zammit (ID 111674 (M))**

**Vs**

**Kunsill Lokali St. Venera u**
**Polidano Bros Limited**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur talab il-hlas tas-somma ta' sitt mija u sbatax-il lira Maltin u tlieta w erbghin centezmu (Lm617.43c) rapprezentanti danni wara incident awtomobilistiku fejn il-vettura tar-rikorrent tal-Marka Isuzu bin-numru tar-registrazzjoni IBA 459 waqghet go gandott li ma kellhiex sinjali.

Ra n-Nota ta’ Cessjoni pprezentata fit-28 t’Ottubru, 2005 li biha l-attur ceda l-kawza fil-konfront tal-Kunsill Lokali Santa Venera.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm Polidano Brothers Limited gew debitament notifikati bl-Avviz, ma kkontestawx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehru ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-attur u l-fatt li Polidano Brothers Limited naqsu li jidhru sabiex jirrisponduh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attur tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lil Polidano Brothers Limited ihallsu s-somma ta’ sitt mija u sbatax-il lira Maltin u tlieta w erbghin centezmu (Lm617.43c) bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------